**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 27 t’April 2022**

Rikors Numru: 555/21 AL

A B

vs

C D gia B

(MR Nurmu 831/2012)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet żżewġu fl-ewwel ta’ Ġunju tas-sena 2012 (1.6.2012) (Dok A- ċertifikat taż-żwieġ anness) u minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx tfal.

2. Illi l-parijiet ilhom legalment separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Patricia Hall tal-20 ta’ Marzu 2019 (Ara Dok B anness)

3. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin u saħansitra kull parti ffurmat rabta ma' persuna oħra.

4. Illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu manteniment mingħand xulxin (para 5 tal-istess kuntratt)

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat fl-ewwel ta' Ġunju 2012 bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Jannar 2022;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Marzu 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;
Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.
Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.